MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 375/2004

**Avviz numru 375/04DM**

**Aquatess Limited**

**Vs**

**Alfred Vella ghal kull interess li jista' jkollhom l-istess Co-operative Transport u Care Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom ghall-hlas ta' l-ammont ta' tlett elef, erba'mija u tliet liri Maltin (Lm3,403)jew somma verjuri, bhala danni mhallsa mill-mittenti nominee konsistenti f'kont ta' l-Isptar ta' Giulia Ellul Sullivan (omm iz-zewg diretturi ta' l-atturi nomine) meta din ta' l-ahhar sofriet griehi b'rizultat ta' incident li sehh fit-22 ta' Ottubru, 2003, fil-11.30 a.m. go St. Andrew Road, St. Andrews.

Dan l-incident sehh b'negligenza taghhom, jew min minnhom, stante li Giulia Ellul Sullivan waqt harga organizzata minn Care Services Limited, kienet riekba fuq 'wheel-chair' fil-van HSY 017, misjuqa minn Alfred Vella (driver, u proprjeta' ta' Co-operative Transport), u sofriet griehi ta' natura serja, tant li kellha tigi rikoverata go Sptar.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-3 ta' Dicembru, 2003, u konsulenza fl-ammont ta' hmistax-il lira Maltin (Lm15) u dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar, 2004, fl-ammont ta' tnejn u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm62.50), kontra l-konvenuti li gew igunti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet tat-tmienja fil-mija (8%) fuq tlett elef, erba' mija u tlett liri Maltin (Lm3403) mit-18 ta' Frar, 2004.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Vella fejn eccepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma' ingabet l-ebda prova illi l-istess socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' Giulia Ellul Sullivan, u ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.
2. Fit-tieni lok l-esponenti mhuiex responsabbli ghal dak li allegatament gara u konsegwentement, l-ebda ammont ma huwa dovut in linea ta' danni.
3. Fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub in linea ta' danni huwa ghal kollox esagerat, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
4. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Co-operative Transport fejn eccipew illi:

1. Fl-ewwel lok l-esponenti mhiex il-legittimu kontradittur billi l-vettura Ford Transit Nru. HSY 017 mhiex proprjeta' ta' l-esponenti u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Fit-tieni lok it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma ngabet l-ebda prova illi l-istess socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' Giulia Ellul Sullivan, u ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

3. Fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti mhuiex responsabbli ghal dak li allegatament gara billi l-vettura HSY 017 hija specjalment attrezzata biex iggorr ‘wheelchairs’ u dak li allegatament gara, gara unikament tort u htija ta’ Giulia Ellul Sullivan u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza mix-xhieda ta’ persuni li kienu fil-vettura.
4. Konsegwentement, l-ebda ammont ma huwa dovut in linea ta’ danni, liema ammont kif mitlub huwa ghal kollox esagerat, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
5. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet il-provi prodotti mill-kumpanija attrici kompriza d-depozizzjoni tal-konvenut Alfred Vella;

Rat illi b’nota ta’ cessjoni pprezentata fil-15 ta’ Gunju, 2005, l-atturi cedew l-atti fil-konfront biss tal-konvenuti Alfred Vella u Co-operative Transport, filwaqt li zammew ferm it-talbiet taghhom fil-konfront tal-konvenuti Care Services Limited;

Rat illi Care Services Limited debitament notifikati la kkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li semghet ukoll il-provi prodotti mill-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata fil-konfront biss tal-kumpanija konvenuta Care Services Limited.

Ghaldaqstant qieghda tilqa’ l-istess talbiet fil-konfront ta’ l-istess kumpanija u konsegwentement qieghda tikkundanna lil Care Services Limited sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ tlett elef, erba’ mija u tlieta liri Maltin (Lm3,403) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mit-18 ta’ Frar, 2004.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti Care Services Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------